

Brussell, 6 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16527/24

CYBER 360
TELECOM 369
COSI 231
COPEN 535
CSDP/PSDC 854
DATAPROTECT 347
RECH 534
HYBRID 146
IPCR 72
JAI 1814
RELEX 1549
POLMIL 420

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ENISA

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ENISA, approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Diċembru 2024.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ENISA

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JENFASIZZA li l-isfidi li jirriżultaw miċ-ċiberspazju dinji qatt ma kienu kumplessi, diversi u serji daqs kemm huma issa, minħabba s-sofistikazzjoni tat-theddid ċibernetiku emerġenti, l-ambjent tas-sigurtà li qed jinbidel il-ħin kollu u t-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali. Għalhekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikompli bl-isforzi tagħhom biex isiru aktar reżiljenti bil-ħsieb li jidentifikaw u jindirizzaw b'mod effettiv it-theddid u l-isfidi attwali u emerġenti. JISĦAQ li l-ħidma għal livell ogħla ta' reżiljenza ċibernetika għandha titkompla skont approċċ li jkopri s-soċjetà kollha. JISĦAQ li, fis-snin li ġejjin, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiffukaw fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li jirfdu u jikkontribwixxu għall-azzjonijiet kollha li ttieħdu s'issa f'dan ir-rigward.

2. FILWAQT LI JFAKKAR li s-sigurtà nazzjonali għadha r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru, JAGĦRAF li l-UE u l-Istati Membri tagħha ħadmu ferm flimkien f'dawn l-aħħar snin biex jistabbilixxu l-istruttura istituzzjonali u l-forom ta' kollaborazzjoni meħtieġa kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE fil-qasam ċibernetiku. JILQA' l-bosta inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi li pprovdew lill-UE u lill-Istati Membri tagħha b'qafas ċibernetiku b'saħħtu u robust f'dan il-qasam, li jżid ir-reżiljenza ċibernetika ġenerali tal-Unjoni. Dan il-qafas evolva biex ikopri diversi aspetti tad-dominju ċibernetiku: is-sigurtà, id-diplomazija, l-infurzar tal-liġi u d-difiża. JINNOTA li għadd kbir ta' atturi, fosthom l-awtoritajiet taċ-ċibersigurtà tal-Istati Membri, il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS (NIS CG), in-Network tas-CSIRTs, in-network Ewropew ta' organizzazzjoni ta' kollegament f'każ ta' ċiberkriżijiet (EU-CyCLONe), in-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (NCC), il-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà (ECCG), il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà (ECCC), is-CERT-UE, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), u ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità tal-Europol (EC3) huma parti mill-ekosistema taċ-ċibersigurtà tal-UE, u kull wieħed iwettaq il-parti tiegħu fl-implimentazzjoni tal-qafas taċ-ċibersigurtà għall-UE kollha.
3. JAGĦRAF li matul l-aħħar żewġ deċennji l-ENISA wriet li hija entità imprezzabbli fl-ekosistema Ewropea taċ-ċibersigurtà, u taqdi rwol kruċjali fl-appoġġ attiv tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE (EUIBAs) fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-politiki taċ-ċibersigurtà, fil-bini tal-kapaċità u t-tħejjija tagħhom, fil-kooperazzjoni tagħhom u fil-promozzjoni tagħhom tas-sensibilizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà.

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA ĠENERALI

4. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tuża **l-evalwazzjoni tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà** bħala opportunità biex teżamina kif tista' tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-ekosistema ċibernetika kumplessa, u b'hekk ittejjeb l-effettività u l-użu effiċjenti tar-riżorsi. Għalhekk, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-mandat tal-ENISA biex tappoġġa lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE (EUIBAs) ikun iffukat u definit b'mod ċar, b'objettivi strateġiċi konkreti u kompiti prijoritizzati, kif ukoll b'diviżjoni aktar preċiża tal-kompiti u l-kompetenzi fir-rigward ta' atturi oħra. F'dan ir-rigward, JISTIEDEN lill-Kummissjoni teżamina u ssaħħaħ aktar ir-rwol tal-ENISA fl-appoġġ tal-kooperazzjoni operazzjonali fil-livell tal-UE u fost l-Istati Membri biex isaħħu r-reżiljenza ċibernetika, b'kont meħud tal-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Barra minn hekk, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex issaħħaħ ir-rwol konsultattiv tal-ENISA fl-għoti ta' gwida u rakkomandazzjonijiet esperti u bbażati fuq l-evidenza, fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi attwali u futuri tal-UE, filwaqt li jiġi żgurat qafas koerenti taċ-ċibersigurtà tal-UE.

5. Fl-istess spirtu, IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni tikkunsidra s-simplifikazzjoni tar-rwol tal-ENISA fir-rigward tal-kompiti li mhumex fil-qalba tal-missjoni tagħha. JISSOTTOLINJA li **r-responsabbiltajiet tal-ENISA twessgħu konsiderevolment** b'inizjattivi leġiżlattivi reċenti, inkluż NIS 2, l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika u l-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà, fost l-oħrajn. Filwaqt li JOSSERVA li l-ENISA rċeviet riżorsi addizzjonali bħala riżultat ta' xi wħud minn dawn l-inizjattivi, JENFASIZZA li ż-żieda fir-responsabbiltajiet tal-ENISA u l-kumplessità dejjem tikber tat-theddid u l-isfidi ċibernetiċi wasslu għal żieda konsiderevoli fil-kompiti tagħha, li jenħtieġ li jiġu riflessi f'**riżorsi adegwati** – umani, finanzjarji u tekniċi – sabiex l-Aġenzija tkun tista' twettaq bis-sħiħ il-kompiti kollha taħt il-kompetenza tagħha, mingħajr ma jiġi antiċipat in-negożjar tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Għal dan l-għan, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprijoritizza l-azzjonijiet u tassenja prijorità lil kompiti relatati mal-appoġġ lill-Istati Membri fit-tisħiħ tar-reżiljenza ċibernetika tagħhom, il-kooperazzjoni operazzjonali tagħhom u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Liġi tal-Unjoni fit-tnejja tal-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-APPOĠĠ TAL-ENISA GĦALL-IŻVILUPP U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA

6. IFAKKAR li skont il-qafas legali attwali taċ-ċibersigurtà, l-ENISA hija fdata b'diversi responsabbiltajiet ewlenin ta' appoġġ u konsulenza fl-UE kollha. JILQA' r-rwol tal-ENISA f'dak ir-rigward fl-għoti ta' **assistenza lill-Istati Membri** dwar l-implimentazzjoni effettiva ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi. JAPPELLA lill-ENISA biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS u l-Kummissjoni, tkompli ttipprovdi għarfien u analiżi ġenerali dwar l-ambjent legali attwali fir-rigward taċ-ċibersigurtà. IHEĠĠĠĠ lill-ENISA taqsam u tippromwovi b'mod attiv gwida teknika u l-aħjar prattiki b'mod regolari u strutturat li jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjonijiet dwar iċ-ċibersigurtà.

7. JAGĦRAF ir-rwol vitali tal-ENISA fl-iżvilupp ta' **skemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà**, li jirfdu l-fiduċja fil-prodotti, is-servizzi u l-proċessi tal-ICT u, barra minn hekk, is-servizzi tas-sigurtà ġestiti fid-dawl tal-emenda mmirata li jmiss tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà. JISĦAQ li l-Istati Membri u l-industrija huma mħassba dwar il-proċess twil tal-għażla, l-elaborazzjoni u l-adozzjoni ta' skemi ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà; għalhekk, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tuża l-opportunità tal-evalwazzjoni tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà biex issib modi kif ikun hemm approċċ aktar effiċjenti, ibbażat fuq ir-riskju kif ukoll aktar trasparenti u aktar rapidu għall-iżvilupp tal-iskemi taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-UE filwaqt li JENFASIZZA r-rwol importanti tal-Istati Membri fil-proċess. Barra minn hekk, JENFASIZZA l-importanza li tiġi attribwita b'mod espliċitu r-responsabbiltà għaż-żamma ta' kull skema ta' ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, IFAKKAR li l-ENISA għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-ħin permezz ta' proċess formali, miftuħ, trasparenti u inklużiv meta tħejji skemi kandidati u li l-Kummissjoni għandha tikkonsulta b'mod miftuħ, trasparenti u inklużiv meta tivvaluta l-effiċjenza u l-użu tal-iskemi adottati. IĦEĠĠEĠ lill-ENISA tkompli ssaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-komunità tal-protezzjoni tad-data, partikolarment il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, fejn rilevanti, u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'attenzjoni speċjali għat-trawwim ta' sinerġiji fil-kuntest tal-iżvilupp ta' skemi futuri Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà.

8. Biex jiġi evitat il-piż amministrattiv bla bżonn li jista' jirriżulta minn qafas ta' rappurtar kumpless, JAPPELLA lill-ENISA biex, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, tkompli taqsim mal-Istati Membri dwar il-prattikalitajiet, is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-proċedura ta' rappurtar. Barra minn hekk, IFAKKAR fl-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tħejji, bl-appoġġ tal-ENISA u entitajiet rilevanti oħra tal-UE, immappjar tal-obbligi ta' rappurtar rilevanti stabbiliti fl-atti leġislattivi rispettivi tal-UE fi kwistjonijiet ċibernetiċi u diġitali. IFAKKAR li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ENISA u l-Istati Membri huwa bbażat fuq relazzjoni ta' fiduċja, fejn is-sigurtà u l-kunfidenzjalità huma garantiti f'konformità mal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà u r-regoli u l-protokollu rilevanti u għandu jkun limitat għal dak li huwa rilevanti u proporzjonat għall-iskop tal-iskambju. JENFASIZZA l-ħtieġa li d-data u l-informazzjoni jiġu ttrattati bl-attenzjoni dovuta.
9. JENFASIZZA l-fatt li l-ENISA hija responsabbli għall-istabbiliment u ż-żamma tal-**pjattaforma unika ta' rappurtar skont l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika** li ser ikollha valur miżjud operazzjonali konkret, speċjalment għal vulnerabbiltajiet sfruttati b'mod attiv u inċidenti serji li jaffettwaw is-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' ta' din il-leġislażzjoni orizzontali, il-pjattaforma unika ta' rappurtar għandha tkun għodda effettiva u sigura biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn is-CSIRTs nazzjonali u l-ENISA. Għaldaqstant, IĦEĠĠEĠ lill-ENISA, biex minbarra li talloka biżżejjed riżorsi umani, tħaffef l-istabbiliment tal-pjattaforma bħala prijorità ewlenija sabiex tiżgura li tkun lesta sal-iskadenza stabbilita fl-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika.

10. JAGĦRAF ir-rwol tal-ENISA fl-istabbiliment ta' **bażi tad-data Ewropea tal-vulnerabbiltajiet**, li għandha l-għan li tipprovdi trasparenza aħjar fir-rigward tal-iżvelar tal-vulnerabbiltajiet, filwaqt li tiżgura t-trattament xieraq ta' data sensittiva. Filwaqt li jqis it-tmien tal-perjodu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva NIS 2, IĦEĠĠEĠ lill-ENISA żżid il-ħidma kollha meħtieġa biex tiżgura l-funzjonalità bla xkiel ta' din il-bażi tad-data. B'mod parallel, JISTIEDEN lill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS biex, bl-assistenza tal-ENISA, ikompli jippubbliċizza l-gwida, il-politiki u l-proċeduri dwar l-iżvelar tal-vulnerabbiltajiet.
11. JAGĦRAF il-benefiċċji tal-**Azzjoni ta' Appoġġ għaċ-Ċibersigurtà** mwettqa mill-ENISA, li tiffunzjona bħala ġabra ta' servizzi taċ-ċibersigurtà disponibbli għall-Istati Membri biex jikkomplementaw l-isforzi tagħhom, kif ukoll l-esperjenza tal-ENISA miksuba mill-implimentazzjoni tagħha. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA li l-ENISA għandu jkollha rwol ċentrali fl-amministrazzjoni u l-operat tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. JISTIEDEN lill-ENISA tibda l-immappjar tas-servizzi meħtieġa u d-disponibbiltà tagħhom immedjatement mad-dħul fis-seħħ tal-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà, sabiex ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE ssir kemm jista' jkun siewja u mfassla għall-ħtiġijiet tal-utenti fl-Istati Membri kollha. JISTIEDEN lill-ENISA, ladarba tiġi fdata bil-kompiti, tinvolvi lill-Istati Membri, b'mod partikolari billi tiġbor input dwar il-kriterji meħtieġa u tinforma dwar l-offerti li jkunu ġejjin, kmieni fil-proċess tal-istabbiliment tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. JISTIEDEN lill-ENISA, ladarba tiġi fdata bil-kompiti, tiżgura li l-proċess tal-għażla tal-fornituri fdati b'servizzi tas-sigurtà ġestiti jkun trasparenti, miftuħ, ġust, u jippermetti l-parteċipazzjoni ta' fornituri mill-Istati Membri kollha, irrispettivament mid-daqs. Barra minn hekk, IFAKKAR li l-ENISA hija meħtieġa toħroġ il-linji gwida dwar l-interoperabbiltà għaċ-Ċentri Ċibernetiċi Transfruntieri mingħajr dewmien żejjed.

12. JISSOTTOLINJA li l-**monitoraġġ tax-xejriet rigward it-teknoloġiji emerġenti** f'qasam li qed jevolvi malajr bħaċ-ċibersigurtà huwa ta' importanza ewlenija għaż-żamma u t-tiżiħ ulterjuri tal-pożizzjoni ċibernetika tagħna. JAGĦRAF il-ħidma li saret mill-ENISA biex tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku għar-riskji u l-possibbiltajiet ta' teknoloġiji bħall-intelliġenza artifiċjali u l-computing kwantistiku, u b'hekk tiffaċilita fehim aħjar tal-isfidi attwali. IĦEĠĠEĠ lill-ENISA tikkontribwixxi aktar għal dawn il-kompiti, tippromwovi b'mod attiv l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha, u tagħti pariri u tikkollabora, fejn rilevanti, mal-ECCC.

L-APPOĠĠ TAL-ENISA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX ITEJBU R-REŻILJENZA ĊIBERNETIKA U L-KOOPERAZZJONI OPERAZZJONALI

13. JISĦAQ li l-ENISA taqdi rwol importanti **bħala segretarjat taż-żewġ networks ta' kooperazzjoni ċibernetika mmexxija mill-Istati Membri fil-livell tal-UE, in-Network tas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe**. JENFASIZZA l-parteeipazzjoni siewja tal-ENISA fil-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, partikolarment permezz tal-involvement attiv u l-kontributi tekniċi tagħha fid-diversi flussi ta' ħidma. IĦEĠĠEĠ lill-ENISA tkompli tappoġġa l-funzjonament u l-kooperazzjoni ta' dawn in-networks fil-futur, peress li jipprovdu mezzi fundamentali għall-Istati Membri biex jikkollaboraw f'livelli differenti.
14. ITENNI l-ħtieġa li jissaħħaħ l-**għarfien komuni tas-sitwazzjoni** fil-livell tal-UE, li jikkontribwixxi għall-pożizzjoni ċibernetika tal-UE, b'rabta mad-detezzjoni u l-prevenzjoni ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà, u r-rispons għalihom. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-importanza tal-attivitajiet ta' prospettiva, ir-rapporti regolari u l-valutazzjonijiet tat-theddid tal-ENISA, li kollha kemm huma jikkontribwixxu għat-tiġib tal-għarfien tas-sitwazzjoni. IĦEĠĠEĠ lill-ENISA taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-għarfien tas-sitwazzjoni fil-livell tal-UE. F'dan il-kuntest, JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-ENISA flimkien mas-CERT-UE u l-Europol, fl-appoġġ lill-Kunsill b'aġġornamenti tas-sitwazzjoni fil-kuntest tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija li jikkomplementaw l-għarfien tas-sitwazzjoni pprovdut mill-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC) u JENFASIZZA l-ħtieġa li tinbena stampa komprensiva tat-theddid minn diversi sorsi, inkluż is-settur privat. JINKORAĠĠIXXI f'dan ir-rigward l-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni tal-ENISA mas-SEAE, u b'mod partikolari mal-INTCEN b'rispett sħiħ għall-mandati rispettivi tagħhom.

15. JENFASIZZA li ċ-Ċentru tas-Sitwazzjoni u l-Analiżi Ċibernetika tal-Kummissjoni jaqdi funzjoni interna fi ħdan il-Kummissjoni u huwa appoġġat mill-kollaborazzjoni tiegħu mal-ENISA u mas-CERT-UE. Sabiex jinholq potenzjal massimu għal sinerġiji u titnaqqas il-kumplessità fi ħdan l-ekosistema ċibernetika tal-UE, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà kif ukoll id-diskussjonijiet dwar l-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku sabiex jiġu ssimplifikati l-kompiti taċ-Ċentru tas-Sitwazzjoni u l-Analiżi Ċibernetika tal-Kummissjoni u l-kompiti relatati tal-ENISA. IHEĠĠĠ lill-Kummissjoni tevita duplikazzjoni bla bżonn tal-kompiti, filwaqt li tissalvagwardja r-rwol ċentrali tal-ENISA fil-kontribut għall-iżvilupp ta' għarfien komuni tas-sitwazzjoni fil-livell tal-Unjoni b'appoġġ għall-Istati Membri, b'rispett dovut għall-kompetenzi nazzjonali tagħhom.
16. JENFASIZZA li l-iżvilupp ta' għarfien komuni tas-sitwazzjoni huwa prerekwiżit għall-ġestjoni f'waqtha u effettiva tal-kriżijiet tal-Unjoni kollha kemm hi. JISSOTTOLINJA li, fil-livell tal-UE, varjetà ta' atturi ewlenin huma involuti fir-**rispons għal inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira**, u li, fil-każ ta' inċidenti bħal dawn, il-kooperazzjoni effettiva fost l-Istati Membri hija prinċipalment sostnuta min-**Network tas-CSIRTs** u mill-EU-CyCLONe. L-ENISA taqdi rwol importanti fil-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi bħala s-segretarjat għan-**Network tas-CSIRTs** u l-EU-CyCLONe. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tuża l-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku biex tirrifletti kif xieraq il-kompiti u r-responsabbiltajiet addizzjonali biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' rispons kooperattiv għal inċidenti jew kriżijiet ċibernetiċi transfruntieri fuq skala kbira, kif ukoll ir-rwol attribwit lill-ENISA bħala s-segretarjat tan-**Network tas-CSIRT** u l-EU-CyCLONe u mil-leġiżlazzjoni reċenti dwar iċ-ċibersigurtà.

17. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu organizzati **eżerċizzji regolari taċ-ċibersigurtà** li jżidu ħafna t-tħejjija tal-UE biex tirrispondi għal inċidenti u kriżijiet. JAGĦRAF li l-ENISA għabt esperjenza siewja u estensiva f'dan il-qasam b'appoġġ għall-Istati Membri. JAGĦRAF ir-rwol importanti tal-ENISA fil-fażijiet tal-ippjanar, it-tħejjija, l-eżekuzzjoni u l-evalwazzjoni tal-eżerċizzji taċ-ċibersigurtà, u JISĦAQ li għandha tibqa' wieħed mill-atturi ċentrali fil-livell tal-UE, filwaqt li żżomm f'moħħha li tali eżerċizzji għandhom jitwettqu abbażi ta' oqfsa strutturati u terminoloġiji komuni. JISTIEDEN lill-ENISA, lin-Network tas-CSIRTs u lill-EU-CyCLONe biex jagħmlu l-aktar użu effiċjenti mill-eżerċizzji regolari eżistenti biex jittestjaw u jtejbju l-qafas ta' rispons tal-UE għall-kriżijiet, u biex jiżguraw l-użu massimu tat-tagħlimiet meħuda.

IL-KOOPERAZZJONI TAL-ENISA MA' ATTURI OĦRA FL-EKOSISTEMA ĊIBERNETIKA

18. ITENNI li, minħabba n-natura orizzontali taċ-ċibersigurtà, il-**kollaborazzjoni fost l-atturi kollha fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni** hija vitali, u għalhekk JISĦAQ li ż-żieda tar-reżiljenza ċibernetika ġenerali fil-livell Ewropew tirrikjedi wkoll ħidma konġunta bejn l-ENISA u entitajiet rilevanti oħra fil-qasam ċibernetiku.
19. JISSOTTOLINJA li l-kapaċità tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE li jibqgħu ċibersiguri hija ta' importanza għar-reżiljenza ċibernetika ġenerali fil-livell tal-UE, li fiha r-rwol tas-CERT-UE huwa imprezzabbli. F'dan ir-rigward, JILQA' l-koperazzjoni strutturata stabbilita bejn is-CERT-UE u l-ENISA u JHEĠĠĠGHOM ikomplu l-koperazzjoni mill-qrib tagħhom fil-futur.

20. Bl-awtonomija finanzjarja miksuba, l-ECCC ser jikkontribwixxi konsiderevolment għall-iżvilupp ta' ekosistema Ewropea b'saħħitha tar-riċerka, l-industrija u t-teknoloġija ċibernetiċi, li tinkludi ħiliet għall-iżvilupp tal-forza tax-xogħol f'konformità mal-mandat tiegħu. IĦEĠĠEĠ lill-ENISA u lill-ECCC ikompli l-kooperazzjoni mill-qrib tagħhom, speċjalment b'rabta mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll il-ħiliet ċibernetiċi, biex tiżdied il-kompetittività tal-industrija taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. JISTIEDEN lill-Kummissjoni teżamina kif is-sinerġiji fil-ħidma tal-ENISA u l-ECCC jistgħu jiġu ottimizzati aktar u kif l-attivitajiet jistgħu jiġu ssimplifikati aħjar skont il-mandati rispettivi tagħhom.
21. JISSOTTOLINJA li l-għoti ta' aġġornamenti regolari dwar ix-xenarju tat-theddid jikkontribwixxi biex jiġi identifikat aħjar liema miżuri u għodod huma meħtieġa sabiex tiġi miġġielda b'mod effettiv iċ-ċiberkriminalità. JENFASIZZA l-valur miżjud tar-rapporti tal-Valutazzjoni Ċibernetika Konġunta tal-UE (J-CAR), li huma l-eżitu tal-kollaborazzjoni konġunta bejn l-ENISA, l-EC3 tal-Europol u s-CERT-UE, u diġà pprovdew kontribut siewi fl-indirizzar tal-isfidi differenti inkluż il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. JISTIEDEN lill-ENISA u lill-Europol biex fil-futur ikompli jikkollaboraw b'mod strutturat.
22. JISĦAQ li ċ-ċiberdifiża tikkostitwixxi parti importanti u li dejjem tiżviluppa fl-indirizzar tat-theddid li jirriżulta miċ-ċiberspazju. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-ENISA tinvolvi ruħha mas-SEAE u mal-Kummissjoni, fil-każijiet fejn l-ENISA għandha rwol ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EDA, l-ECCC u l-komunità taċ-ċiberdifiża. JENFASIZZA r-rwol tal-ENISA bħala aġenzija ċivili. JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi approfondita u ssimplifikata l-kooperazzjoni ċivili-militari fil-qasam ċibernetiku fl-UE inkluż tqassim ċar tar-rwoli u r-responsabbiltajiet bejn iż-żewġ komunitajiet u bejn l-UE u n-NATO b'rispett sħiħ għall-prinċipji tal-inklużività, ir-reċiproċità, il-ftuħ reċiproku u t-trasparenza, kif ukoll l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet. IĦEĠĠEĠ lill-ENISA tkompli ssegwi arranġament ta' ħidma mal-Aġenzija tan-NATO għall-Komunikazzjoni u l-Infurmazzjoni.

23. IHEĠĠĠĠ lill-UE tkompli tippromwovi l-valuri komuni tagħna u l-isforzi konġunti fi ħdan fora dinjija sabiex tissalvagwardja ċiberspazju liberu, dinji, miftuħ u sigur. JISĦAQ li n-natura transfruntiera tat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi tirrikjedi kollaborazzjoni b'saħħitha u effettiva, mhux biss fil-livell tal-UE, iżda wkoll **ma' organizzazzjonijiet u sħab internazzjonali**. JOSSERVA li l-involvement internazzjonali tal-ENISA għandu jiffoka fuq is-sħab strateġiċi u l-pajjiżi kandidati tal-UE, f'konformità mal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE. JISĦAQ li fl-involvement internazzjonali tagħha, l-ENISA għandha taġixxi f'konformità mal-mandat tagħha u d-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà. JAGĦRAF il-ħtieġa li jiġi ċċarat, f'konformità mal-proċeduri rilevanti, l-involvement internazzjonali tal-ENISA, filwaqt li jiġi żgurat b'mod partikolari li l-Bord ta' Tmexxija tagħha jkun infurmat kif xieraq u f'waqtu dwar l-attivitajiet relatati. JINKORAĠĠIXXI l-involvement tal-ENISA f'oqfsa ta' kooperazzjoni internazzjonali rilevanti fil-qasam taċ-ċibersigurtà, inkluż organizzazzjonijiet bħan-NATO u l-OSKE.
24. ITENNI li l-UE u l-Istati Membri tagħha spiss enfasizzaw lakuni fil-**ħiliet taċ-ċibersigurtà**. IFAKKAR li l-Kummissjoni u l-ENISA introduċew qafas wiesa' u ġenerali biex jipprovdu gwida lill-partijiet ikkonċernati kollha, bħall-Qafas Ewropew għall-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà, il-Komunikazzjoni dwar l-Akkademja tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà u l-Konferenza Ewropea dwar il-Ħiliet Ċibernetiċi organizzata kull sena u JHEĠĠĠ lill-Kummissjoni u lill-ENISA jibnu fuq dawn l-inizjattivi b'attenzjoni speċjali għad-diskussjoni li għaddejja dwar il-Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC). Għal dan l-għan, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkollabora mal-Istati Membri interessati fil-ħolqien ta' EDIC. JAGĦRAF li kemm l-ENISA kif ukoll l-ECCC għandhom il-mandat li jippromwovu l-ħiliet fl-Unjoni kollha. JISTIEDEN lill-ENISA tagħti prijorità lill-appoġġ għall-isforzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-ħiliet u l-edukazzjoni, issaħħaħ is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku ġenerali u tikkollabora mal-ECCC fejn xieraq.

25. JAGĦRAF li l-ENISA żviluppat **kooperazzjoni mas-settur privat** f'dawn l-aħħar snin. IFAKKAR li minħabba li s-settur privat jimmonitorja kontinwament ix-xenarju tat-theddid ċibernetiku, l-informazzjoni miġbura mill-industrija tista' tgħin biex jittejjeb l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni. Għalhekk, IĦEĠĠEĠ lill-ENISA biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u fl-entitajiet kollha tal-UE, issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-settur privat.
26. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-ENISA biex jikkunsidraw modi kif tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-ENISA u korpi Ewropej ta' **standardizzazzjoni**. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-ENISA żżid l-għarfien espert tagħha għall-istandardizzazzjoni Ewropea taċ-ċibersigurtà billi ssegwi u tipparteċipa f'attivitajiet ta' standardizzazzjoni, fost l-oħrajn.
27. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-ENISA jeżaminaw kif jistgħu jkomplu jottimizzaw il-funzjonament tal-qafas taċ-ċibersigurtà tal-UE, filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti li saru f'dawn il-konklużjonijiet. Il-kooperazzjoni kontinwa, il-prioritizzazzjoni tal-kompiti u r-riżorsi, kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-ekosistema ċibernetika kumplessa ser ikunu elementi ewlenin biex jingħelbu sfidi attwali u futuri.
-